# L-Ajruplan!

*Dehra taż-żmenijiet li ġejjin.*

Ġej l-ajruplan! In-nies bla ma titlajja
Tissokta taqdi dmirha ta' kuljum,
Għaliex bħal donnha dratha din il-ġrajja
Li taħtha kollox jisfa dlonk mitmum.

Frattant mill-ajru l-ajruplan bil-qtajja
Qed jiżra' l-mewt mingħajr ma hu miżmum,
U qalb in-nar li xejn ma jaqta' l-ħajja
Ta' nisa, tfal u rġiel tgħib taħt l-irdum.

Mar l-ajruplan: warajh ħalla bħal midfen
Ta' skiet u dwejjaq; fuq dil-ħerba ġdida
Ferrieħi d-dell tal-mewt bla heda jiżfen.

Iħarsu n-nies tat-trieq bla ma jirtogħdu,
U lil xulxin jistaqsu bi tnehida
Ix-xemx jarawx sabiħa ta' filgħodu.

ĠORĠ PISANI

Għawdex.